PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2003/0270(CNS)

24.9.2008

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat Ewropew għall-kisba ta' Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu tagħhom fil-kuntest ta' proċeduri kriminali
(13076/2007 – C6-0293/2008 – 2003/0270(CNS))

(Konsultazzjoni mġedda)

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Gérard Deprez

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu tagħhom fil-kuntest ta' proċeduri kriminali
(13076/2007 – C6-0293/2008 – 2003/0270(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill 13076/2007,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2003)0688),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-31 ta' Marzu 2004[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat tal-UE, skont liema artikolu reġa' ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0293/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93, 51 u 55(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill kif emendat;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE;

3. Jistieden lill-Kunsill, jekk bi ħsiebu jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament, biex jinfurmah dwar dan;

4. Jitlob lill-Kunsill jikkonsulta lill-Parlament mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz b'mod sostanzjali jew li jibdlu b'test ieħor;

5. Jiddikjara ruħu determinat, fil-każ meta t-test preżenti ma jkunx adottat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, li jikkunsidra iktar il-proposti kollha fil-kuntest tal-proċedura ta' urġenża, b'koperazzjoni mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] ĠU C 103, 29.4.2004, p. 452.

Emenda 1

Abbozz tal-Kunsill
Premessa 8

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(8) Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku huwa ibbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. Sabiex tiġi promossa din il-kunfidenza, din id-Deċiżjoni *Kwadru* għandu jkollha salvagwardji importanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-EEW għandu għalhekk jinħareġ biss minn imħallfin, ***qrati***, maġistrati inkwirenti, prosekuturi pubbliċi ***u ċerti awtoritajiet ġudizzjarji oħrajn kif definiti mill-Istati Membri konformement ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.***	(8)Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku huwa ibbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. Sabiex tiġi promossa din il-kunfidenza, din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* għandu jkollha salvagwardji importanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-EEW għandu għalhekk jinħareġ biss minn imħallfin, maġistrati inkwirenti ***u*** prosekuturi pubbliċi.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Waħda mill-iktar garanziji importanti għaċ-ċittadini hija li l-provi jistgħu jkunu miġbura mill-awtoritajiet ġudizzjarji, jiġifieri mill-imħallfin, mill-maġistrati inkwirenti u mill-prosekuturi.

Emenda 2

Abbozz tal-Kunsill
Premessa 9

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(9) Din id-Deċiżjoni *Kwadru* hi adottata taħt l-Artikolu 31 tat-Trattat u għalhekk tikkonċerna koperazzjoni ġudizzjarja fil-kuntest ta' dik id-dispożizzjoni, bil-għan li tgħin il-ġabra ta' provi għal proċedimenti kif definit fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni *Kwadru.* ***Għalkemm awtoritajiet oħrajn minbarra imħallfin, qrati, maġistrati inkwirentii u prosekuturi pubbliċi jistgħu***	(9) Din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* hi adottata taħt l-Artikolu 31 tat-Trattat u għalhekk tikkonċerna koperazzjoni ġudizzjarja fil-kuntest ta' dik id-dispożizzjoni, bil-għan li tgħin il-ġabra ta' provi għal proċedimenti kif definit fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni *ta' Qafas*. Din id-Deċiżjoni *ta' Qafas, ma tinkludix il-koperazzjoni* tal-pulizija, *tad-dwana*, tal-fruntieri *u tal-amministrazzjoni*

jkollhom rwol fil-ġabra ta' dawn il-provi skond l-Artikolu 2(ċ)(ii) ta' din id-Deċiżjoni *Kwadru, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istrument ma jkoprix* koperazzjoni tal-pulizija, *id-dwana*, tal-fruntieri *u amministrattiva* li huma regolati minn dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattati.	li huma regolati minn dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattati.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ma ssegwix il-modifikazzjonijiet proposti għall-premessa preċedenti.

Emenda 3

Abbozz tal-Kunsill
Premessa 24 a (ġdida)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	24bis) Huwa ta' importanza kardinali li jkun adottat malajr kemm jista' jkun il-qafas ta' deċiżjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali proċessata fil-kuntest tal-pulizija u tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma kriminali, sabiex ikun hemm livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta, qafas li jkun jinkludi wkoll l-ipproċessar ta' dejta personali fuq livell nazzjonali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament jistieden lill-Kunsill biex jadotta malajr kemm jista' jkun id-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'affarijiet kriminali.

Emenda 4

Abbozz tal-Kunsill
Premessa 25

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(25) L-EEW għandu jikkoeżisti ma' proċeduri ta' assistenza reċiproka eżistenti, iżda tali koeżistenza għandha titqies transitorja sakemm, skond il-Programm ta' l-Aja, it-tipi ta' ġbir ta' provi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni *Kwadru* jkunu wkoll suġġett ta' strument ta' rikonoxximent reċiproku, fejn l-adozzjoni tiegħu jkun jipprovdi reġim komplet ta' rikonoxximent reċiproku sabiex jissostitwixxi l-proċeduri ta' assistenza reċiproka.	(25) L-EEW għandu jikkoeżisti ma' proċeduri ta' assistenza reċiproka eżistenti, iżda tali koeżistenza għandha titqies transitorja sakemm, skond il-Programm ta' l-Aja, it-tipi ta' ġbir ta' provi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* jkunu wkoll suġġett ta' strument ta' rikonoxximent reċiproku, fejn l-adozzjoni tiegħu jkun jipprovdi reġim komplet ta' rikonoxximent reċiproku sabiex jissostitwixxi l-proċeduri ta' assistenza reċiproka. ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha tressaq kemm jista' jkun malajr il-proposti li għandhom l-għan li jtemmu l-kuntest ta' rikonoxximent tal-provi legali, filwaqt li tkun ikkonsolidata l-leġiżlazzjoni diġà approvata.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea hija mmirata biss lejn il-provi diġà eżistenti u disponibili. Sabiex l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu mgħejjuna ma jużawx strument wieħed biss fil-kuntest tal-istess investigazzjoni, jeħtieġ li jintemm malajr kemm jista' jkun il-qafas preskrittiv li jikkonċerna ċ-ċirkolazzjoni tal-provi kriminali fl-Unjoni Ewropea.

Emenda 5

Abbozz tal-Kunsill
Recital 25 a (new)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	(25a) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tressaq malajr kemm jista' jkun proposta

għal strument leġiżlattiv dwar il-garanziji proċedurali fil-proċess kriminali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi, fin-nuqqas ta' garanziji proċedurali fil-kuntest Ewropew, jirriskja li jipprovoka inċertezza legali għall-persuni kkonċernati u għal partijiet terzi fi kwistjonijiet kriminali.

Emenda 6

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 2(c)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(c) "awtorità kompetenti" tfisser:	(c) "awtorità kompetenti" tfisser: imħallef, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku ***kompetenti fil-liġi nazzjonali biex jagħti Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi;***
(i) *mħallef*, ***qorti***, maġistrat inkwirenti, prosekutur pubbliku, ***jew***	
(ii) kwalunkwe awtorità ġudizzjarja oħra kif definit mill-Istat emittenti, u, fil-każ speċifiku, li taġixxi fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità inkwirenti fi proċedimenti kriminali b'kompetenza sabiex tikseb il-provi f'każijiet transkonfinali skond il-liġi nazzjonali;	

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Kif enfasizzat fl-emenda għal premessa 8, waħda mill-iktar garanziji importanti għaċ-ċittadini hija li l-provi jistgħu jkunu miġbura mill-awtoritajiet ġudizzjarji.

Emenda 7

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 7 (1) (b) a) (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	b a) l-oġġetti, id-dokumenti u d-data huma suxxettibbli li jkunu ammissibbli fil-proċedura li għaliha huma riċerkati.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-kisba ta' provi li ma jkunux ammissibbli fil-proċedura li tkun għaddejja, iktar milli tiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarja, mhix se tkun ħlief piż kbir fuq il-ħidma ġudizzjarja.

Emenda 8

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 7 (1 a) (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	1a. L-awtorità emittenti għandha tiċċertifika li l-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel paragrafu huma ssodisfati.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sabiex tkun faċilitata l-eżekuzzjoni tal-mandat, l-awtorità emittenti għandha tikkjarifika b'mod ċar fl-applikazzjoni li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-mandat huma ssodisfati.

Emenda 9

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 8 (2)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
2. Kull Stat Membru jista' jinnomina awtorità ċentrali jew, meta s-sistema legali tiegħu jipprevedi hekk, aktar minn awtorità ċentrali waħda sabiex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti. ***Stat Membru jista', jekk jeħtieġ hekk b'riżultat ta' l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja interna tiegħu, jagħmel lill-awtorità(ajiet) ċentrali tiegħu responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċezzjoni amministrattivi ta' l-EEW kif ukoll għal korrispondenza uffiċjali oħra relatata miegħu.***	2. Kull Stat Membru jista' jinnomina awtorità ċentrali jew, meta s-sistema legali tiegħu jipprevedi hekk, aktar minn awtorità ċentrali waħda sabiex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-mandat ikun effettiv, ir-rikonoxximent reċiproku għandu jagħti privileġġ lill-kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u għandu jnaqqas l-indħil tal-awtoritajiet ċentrali.

Emenda 10

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 11 (4)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
4. Jekk l-awtorità emittenti mhix imħallef, qorti, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku u l-EEW ma jkunx ġie validat minn waħda mill-awtoritajiet imsemmija fl-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista', fil-każ speċifiku, tiddeċiedi li l-ebda tfittxija jew konfiska ma' tista' titwettaq għall-iskop ta' l-eżekuzzjoni ta' l-EEW. Qabel ma tiddeċiedi hekk, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta ma' l-awtorità	***imħassra***

kompetenti ta' l-Istat emittenti.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssegwi mill-emenda għall-Artikolu 2 c).

Emenda 11

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 11 (5)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
5. Stat Membru jista', fil-mument ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, jagħmel dikjarazzjoni jew notifika sussegwenti lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fejn jitlob tali validazzjoni fil-każijiet kollha fejn l-awtorità emittenti mhix imħallef, qorti, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku u fejn il-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' l-EEW ikunu jridu jiġu ordnati jew sorveljati minn imħallef, qorti, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku taħt il-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni f'każ domestiku simili.	***imħassra***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssegwi mill-emenda għall-Artikolu 2 c).

Emenda 12

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 11 a (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Garanziji relatati mal-implimentazzjoni
	Kull Stat Membru għandu jistipula d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex il-Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi jkun implimentat b'osservazzjoni tal-kundizzjonijiet minimi li ġejjin:
	(a) l-awtorità ta' implimentazzjoni għandha tirrikorri għal mezzi neċessarji li jkunu l-inqas ta' xkiel għall-kisba tal-oġġetti, tad-dokumenti jew tad-data;
	(b) Persuna fiżika m'għandhix tipproduċi l-oġġetti, d-dokumenti jew id-data suxxettibbli li jikkontribwixxu għall-inkriminazzjoni proprja tagħha skont il-leġiżlazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat li joħroġ il-Mandat jew tal-Istat ta' implimentazzjoni; u
	(ċ) l-awtorità emittenti għandha tkun immedjatament infurmata jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni tiskopri li l-mandat kien implimentat bi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' eżekuzzjoni.
	2. Kull Stat Membru għandu jistipula l-miżuri xierqa biex meta perkwiżizzjoni jew konfiska ikunu meqjusa neċessarji għall-kisba ta' oġġetti, ta' dokumenti jew ta' data, għandhom jiġu osservati l-garanziji minimi li ġejjin:
	(a) il-perkwiżizzjonijiet ma jistgħux jitwettqu matul il-lejl, ħlief jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-kwistjoni jirrikjedu dan b'eċċezzjoni;
	(b) il-persuna li għandha ssir il-perkwiżizzjoni għandha dritt tirċievi notifika bil-miktub; in-notifika msemmija, għall-inqas, għandha tinkludi l-objettiv tal-perkwiżizzjoni, l-oġġetti, d-dokumenti

jew id-data mfittxija u r-rikorsi miftuħa lill-persuna; u

(c) f'każ li l-persuna ma tkunx f'darha meta ssir il-perkwiżizzjoni, din il-persuna għandha tkun infurmata dwar il-perkwiżizzjoni permezz tan-notifika msemmija f'punt b) li għandha titħalla fuq il-post, jew bi kwalunkwe mezz ieħor meqjus xieraq.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Matul l-istennija tal-adozzjoni ta' strument ambizzjuż fil-qasam tal-garanziji proċedurali, huwa xieraq li jkunu stabbiliti għall-inqas garanziji proċedurali minimi li jikkonċernaw it-twettiq tal-Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi.

Emenda 13

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 12

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti sakemm din id-Deċiżjoni *Kwadru* ma tipprovdix mod ieħor u sakemm tali formalitajiet u proċeduri ma jmorrux kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni. Dan l-Artikolu ma joħloqx obbligu sabiex jittieħdu miżuri ta' koerċizzjoni.	***Mingħajr ħsara għall-Artikolu 11a*** l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti sakemm din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* ma tipprovdix mod ieħor u sakemm tali formalitajiet u proċeduri ma jmorrux kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni. Dan l-Artikolu ma joħloqx obbligu sabiex jittieħdu miżuri ta' koerċizzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Matul l-istennija tal-adozzjoni ta' strument ambizzjuż fil-qasam tal-garanziji proċedurali, huwa xieraq li jkunu stabbiliti għall-inqas garanziji proċedurali minimi li jikkonċernaw it-twettiq tal-Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi.

Emenda 14

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13 (1) (a a) (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	a a) ir-reat li fuqu huwa bbażat huwa kopert minn amnestija fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni meta dan l-Istat Membru jkollu l-kompetenza li jsegwi dan ir-reat skont il-liġi kriminali tiegħu;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni kienet miżjuda mis-sessjoni plenarja fl-2004.

Emenda 15

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13 (1) (a b) (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	a b) il-persuna li hi s-suġġetta għall-Mandat Ewropew għall-kisba tal-Provi ma tistax, minħabba l-età tagħha, tinżamm kriminalment ħatja għall-atti li joriġinaw minn dan il-mandat skont il-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni kienet miżjuda mis-sessjoni plenarja fl-2004.

Emenda 16

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13(1) (e)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
jekk ikun hemm xi immunità jew privileġġ taħt il-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni li jagħmluha impossibbli li jiġi eżegwit l-EEW; (e) jekk, f'wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11(4) jew (5),l-EEW ma jkunx ġie validat;	***imħassra***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssegwi l-emenda għall-Artikolu 11 paragrafi 4 u 5.

Emenda 17

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13(1) (f)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(f) jekk l-EEW ikun relatat ma' reati kriminali li:	***imħassra***
(i) skond il-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni jitqiesu bħala li twettqu għal kollox, jew fil-biċċa l-kbira jew f'parti essenzjali tagħhom, fit-territorju tiegħu, jew f'post ekwivalenti għat-territorju tiegħu, jew	
(ii) twettqu barra t-territorju ta' l-Istat emittenti, u l-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni ma tippermettix li jittieħdu proċedimenti legali fir-rigward ta' tali reati fejn dawn	

twettqu barra t-territorju ta' dak l-Istat;
(g)

Or. fr

Ġustifikazzjoni

M'hemmx spazju għal klawsola ta' territorjalità fi strument ibbażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku.

Emenda 18

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13 (2)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
2. Id-deċiżjoni li tirrifjuta l-eżekuzzjoni jew ir-rikonoxximent ta' l-EEW skond il-paragrafu 1 għandha tittieħed minn imħallef, qorti, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat ta' eżekuzzjoni. ***Fejn il-EEW tkun inħarġet minn awtorità ġudizzjarja msemmija fl-Artikolu 2(ċ)(ii), u l-EEW ma tkunx ġiet validata minn imħallef, qorti, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti, id-deċiżjoni tista' tittieħed ukoll minn kwalunkwe awtorità ġudizzjarja kompetenti oħra taħt il-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni jekk ikun previst taħt dik il-liġi.***	2. Id-deċiżjoni li tirrifjuta l-eżekuzzjoni jew ir-rikonoxximent ta' l-EEW skond il-paragrafu 1 għandha tittieħed minn imħallef, qorti, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssegwi mill-emenda għall-Artikolu 2 c).

Amendement 19

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13 (3)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
3. Kwalunkwe deċiżjoni taħt il-paragrafu 1(f)(i) fir-rigward ta' reati mwettqa parzjalment fit-territorju ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni, jew f'post ekwivalenti għat-territorju tiegħu, għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2a f'ċirkostanzi eċċezzjonali u abbażi ta' każ b'każ, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, u partikolarment b'konsiderazzjoni jekk parti ewlenija jew essenzjali ta' l-imġiba in kwistjoni seħħetx fl-Istat emittenti jekk l-EEW huwiex relatat ma' att li mhux reat kriminali taħt il-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni, u jekk ikunx meħtieġ li jitwettqu tfittxija jew konfiska għall-eżekuzzjoni ta' l-EEW.	***imħassra***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija r-riżultat tat-tħassir tal-klawsola tat-territorjalità.

Emenda 20

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13(4)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
4. Fejn awtorità kompetenti tikkunsidra li tuża r-raġuni għaċ-ċaħda taħt il-paragrafu 1(f)(i), hija għandha tikkonsulta lill-Eurojust qabel ma tieħu d-	***imħassra***

deċiżjoni.

Fejn awtorità kompetenti ma taqbilx ma' l-opinjoni ta' l-Eurojust l-Istati Membri għandhom jiżguraw li hi tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u li l-Kunsill jiġi mgħarraf.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija r-riżultat tat-tħassir tal-klawsola tat-territorjalità.

Emenda 21

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13(5)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
5. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a), (g) u (h), qabel ma tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew li ma teżegwix EEW, interament jew parzjalment, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni, bi kwalunkwe mezz adatt, u għandha, fejn ikun adatt, titlobha sabiex tforni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.	5. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a), ***a)a, a)b,*** (g) u (h), qabel ma tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew li ma teżegwix EEW, interament jew parzjalment, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni, bi kwalunkwe mezz adatt, u għandha, fejn ikun adatt, titlobha sabiex tforni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tadatta d-dispożizzjoni għall-formulazzjoni l-ġdida tal-Artikolu 13.

Emenda 22

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 14 (2) parti introduttorja

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
2. Jekk jeħtieġ li jitwettqu tfittxija jew konfiska għall-eżekuzzjoni tal-EEW, ir-reati li ġejjin, ***jekk huma punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' ħabs jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin*** u kif inhuma definiti bil-liġi ***ta' dak l-Istat***, m'għandhomx ikunu suġġetti għal verifika ta' kriminalità doppja taħt kwalunkwe ċirkostanza:	2. Jekk jeħtieġ li jitwettqu tfittxija jew konfiska għall-eżekuzzjoni tal-EEW, ir-reati li ġejjin, u kif inhuma definiti bil-liġi ***tal-Istat li joħroġ il-mandat***, m'għandhomx ikunu suġġetti għal verifika ta' kriminalità doppja taħt kwalunkwe ċirkostanza:

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-verifikazzjoni ta' inkriminazzjoni doppja għandha progressivament tneħħi l-istrumenti bbażati fuq ir-rikonoxximent reċiproku. Id-dispożizzjoni mmirata biex flimkien ma' din l-emenda tneħħi dawn l-istrumenti sejra fid-direzzjoni opposta u li ma kinitx prevista fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 23

Abbozz tal-Kunsill
Article 17 a (new)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	Artikolu 17(a)
	Użu ulterjuri tal-elementi ta' prova
	Fi kwalunkwe każ l-isfruttar tal-elementi ta' provi akkwistati skont din id-Deċiżjoni ta' Qafas ma jippreġudikax id-drittijiet tad-difiża matul il-proċeduri kriminali li jridu jsiru, matul liema proċeduri, dawn l-elementi ta' provi se jintużaw b'mod partikulari, rigward l-ammissibilità tal-provi, l-obbligu li dawn l-elementi jiġu

provduti għad-difiża u għad-dritt tad-difiża li tikkontesta dawn l-elementi.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

F'dan il-każ ukoll, l-għan tal-emenda huwa li jiggarantixxi totalment id-drittijiet tad-difiża.

Emenda 24

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 18(1)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe parti interessata, inklużi partijiet terzi bona fide, ikollha rimedji legali kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' EEW skond l-Artikolu 11, sabiex iżomm id-drittijiet tiegħu jew tagħha. ***L-Istati Membri jistgħu jillimitaw ir-rimedji legali previsti f'dan il-paragrafu għal każijiet fejnl-EEW huwa eżegwit bl-użu ta' miżuri ta' koerċizzjoni.*** L-azzjoni għandha titressaq quddiem qorti fl-Istat ta' eżekuzzjoni skond il-liġi ta' dak l-Istat.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe parti interessata, inklużi partijiet terzi bona fide, ikollha rimedji legali kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' EEW skond l-Artikolu 11, sabiex iżomm id-drittijiet tiegħu jew tagħha. L-azzjoni għandha titressaq quddiem qorti fl-Istat ta' eżekuzzjoni skond il-liġi ta' dak l-Istat.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-każ tal-emenda li għandha l-għan li tintroduċi mill-ġdid l-Artikolu 11a, filwaqt li wieħed jistenna l-adozzjoni ta' strument ambizzjuż fil-qasam tal-garanziji proċedurali, għandhom għall-inqas jiġu stabbiliti garanziji proċedurali minimi li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' Mandat għall-Kisba tal-Provi, u għalhekk li jiġu provduti l-iktar mezzi wiesa' possibbli ta' rimedju.

Emenda 25

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 23 (1)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni *Kwadru* sa.....	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni *ta' Qafas* sa..... ***u għandhom jagħmlu kull sforz biex sa dik id-data jistipulaw deċiżjoni ta' qafas dwar il-garanziji proċedurali mogħtija lill-persuni kkonċernati, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mar-riċerka u l-ammissibilità tal-elementi ta' prova.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi, fin-nuqqas ta' garanziji proċedurali fil-kuntest Ewropew, jirriskja li jipprovoka inċertezza legali għall-persuni kkonċernati u għal partijiet terzi fi kwistjonijiet kriminali.

Emenda 26

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 23 (1 a) (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	1 a. L-Istati Membri għandhom jindikaw, f'dikjarazzjoni mressqa lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, l-entitajiet nazzjonali maħtura bħala l-awtorità li toħroġ mandat u bħala l-awtorità ta' implimentazzjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Id0deċiżjoni ta' Qafas tippermetti lil kull Stat Membru jiddetermina preċiżament l-identità tal-organi li għandhom ikunu kkunsidrati bħala l-awtorità kompetenti li toħroġ mandat u l-awtorità kompetenti ta' Implimentazzjoni. Jekk wieħed jixtieq li s-sistema tkun taħdem b'mod trasparenti, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kollha ta' Stat Membru jkunu reġistrati fis-Segretarjat tal-Kunsill.

Din id-dispożizzjoni mhix xi ħaġa ġdida, iżda tkompli minn proċedura li diġà dehret fil-Konvenzjonijiet Ewropej, pereżempju fl-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni dwarl-assistenza reċiproka fil-qasam kriminali (ĠU C 197 tat-12.7.2000, p.1).

Emenda 27

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 23 (3)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
3. Kwalunkwe Stat Membru li bi ħsiebu jittrasponi r-raġuni għal rifjut stabbilit fl-Artikolu 13(1)(f) fil-liġi nazzjonali tiegħu għandu jinnotifika lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill b'dan ma' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru billi jagħmel dikjarazzjoni.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

La darba l-klawsola dwar ir-territorjalità taqa', din id-dispożizzjoni ma jibqgħalix iktar skop.

Emenda 28

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 23 (4)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
4. Il-Ġermanja tista' b'dikjarazzjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tagħmel l-eżekuzzjoni ta' EEW suġġetta għall-verifika ta' kriminalità doppja f'każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(2) relatati ma'	***imħassar***

terroriżmu, kriminalità relatata ma' l-informatika, razziżmu u ksenofobija, sabotaġġ, intrigi ta' qerq u estorsjoni jew imbrolju jekk huwa meħtieġ sabiex titwettaq tfittxija jew konfiska għall-eżekuzzjoni ta' l-EEW, ħlief fejn l-awtorità emittenti tkun iddikjarat li r-reat ikkonċernat taħt il-liġi ta' l-Istat emittenti jaqa' fl-ambitu ta' kriterji indikati fid-dikjarazzjoni.

Jekk il-Ġermanja tixtieq tagħmel użu minn dan il-paragrafu, hi għandha tinnotifika dikjarazzjoni għal dak il-għan lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ma' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Or. fr

Justification

L'insertion d'une clause d'opt out dans un instrument juridique d'envergure européenne est, en soi, contraire à l'esprit européen, qui devrait tendre à construire des bases de coopération de plus en plus solides et partagées par les Etats membres. Cette disposition n'a d'ailleurs pu être insérée dans le texte que grâce au fait que l'entraide pénale est encore soumise aux règles prévues pour le troisième pilier, qui en requérant l'unanimité entre Etats membres, autorisent le droit de veto de leur part.

Cette disposition est d'autant plus inacceptable qu'au moins dans certains cas, les infractions visées dans l'opt out font l'objet d'une législation européenne d'harmonisation (décision-cadre relative à la lutte contre le terrorisme) ou d'une proposition de législation qui n'a pas encore été formellement adoptée mais dont l'examen est en cours (décision-cadre sur la lutte contre le racisme et la xénophobie).

Emenda 29

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 23 (5) a (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	5 a. Kull sena, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas,speċjalment dwar l-applikazzjoni tal-garanziji proċedurali.

Or. fr

Justification

La surveillance doit être coordonnée à l'échelle de l'Union européenne et s'opérer sous le regard de l'opinion publique. Il importe de contrôler non seulement l'application juridique, mais aussi la mise en œuvre pratique du mandat européen d'obtention de preuves.

Le libellé de l'amendement proposé est tiré du règlement (CE) du Conseil relatif à la coopération dans le domaine de l'obtention des preuves en matière civile (JO L 174 du 27.6.2001, p. 1), tandis que l'idée de soumettre la Commission à l'obligation de présenter un rapport annuel s'inspire du régime de surveillance instauré dans le cadre du mandat d'arrêt européen.

Il importe que la Commission rende compte tout particulièrement du fonctionnement du processus décisionnel dans l'État membre d'émission et de l'application des garanties dans l'État membre d'exécution, ainsi que des cas de non-reconnaissance, de non-exécution, de non-transfert et de report de mandats européens d'obtention de preuves.

Emenda 30

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 24 (2)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
2. Fil-bidu ta' kull sena kalendarja il-Ġermanja għandha tgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bin-numru ta' każijiet li fihom ir-raġuni għal non-rikonoxximent jew non-eżekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 23(4) ġiet applikata fis-sena preċedenti.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ikun xieraq li din id-dispożizzjoni titħassar, biex tkun koerenti mal-emenda preċedenti dwar l-Artikolu 24(4).

Emenda 31

Abbozz tal-Kunsill
Anness – Taqsima B (ii)(a) (ġdid)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
	iia) l-oġġetti, id-dokumenti u d-data mitluba fil-kuntest ta' dan il-mandat huma suxxettibbli li jkunu ammissibbli fil-kuntest tal-proċedura li għaliha jkunu mfittxija.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-kisba ta' provi li ma jkunux ammissibbli fil-proċedura li tkun għaddejja, iktar milli tiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarja, mhix se tkun ħlief piż kbir fuq il-ħidma ġudizzjarja.

Emenda 32

Abbozz tal-Kunsill
Anness – Taqsima C (d)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(d) kwalunkwe awtorità ġudizzjarja oħra kif definita mill-istat emittenti u, fil-każ speċifiku, li taġixxi fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità investigattiva fil-proċedimenti kriminali b'kompetenza sabiex tordna l-kisba ta' evidenza f'każijiet transkonfinali skond il-liġi nazzjonali.	***imħassar***
Dan l-EEW kien validat minn imħallef jew qorti, maġistrat investigattiv jew prosekutur pubbliku (ara t-taqsimiet D u O).	

Ġustifikazzjoni

Ikun xieraq li dawn id-dispożizzjonijiet jitħassru biex ikunu koerenti mal-emendi li tipproponi l-awtorità emittenti.

Emenda 33

Abbozz tal-Kunsill
Anness – Taqsima D

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(d) L-AWTORITÀ ĠUDIZZJARJA LI TIVVALIDA L-EEW (FEJN APPLIKABBLI) ***Jekk il-punt d fit-taqsima Ċ ġie mmarkat u dan l-EEW ġie vvalidat, immarka t-tip ta' awtorità ġudizzjarja li vvalidat dan l-EEW:*** □ ***(a) imħallef jew qorti*** □ ***(b) maġistrat inkwirenti;*** □ ***(c) prosekutur pubbliku*** ***Isem uffiċjali ta' l-awtorità li tikkonferma l-mandat:*** **.....** **.....** **.....** ***Isem ir-rappreżentant tagħha*** **……** **……** **….....** ***Pożizzjoni (titlu/grad):*** **.....** **.....** **.....** ***Referenza tal-fajl*** **.....** **.....** **.....** ***Indirizz:*** **.....** **.....** **.....**	***imħassar***

.....
.....
.....
Nru tat-telefon: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt):.....
Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt):.....
Indirizz tal-posta elettronika:….....

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ikun xieraq li din it-taqsima tal-Anness titħassar biex tkunu koerenti mal-emendi li tipproponi l-awtorità emittenti.

Emenda 34

Abbozz tal-Kunsill
Anness – Taqsima E

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(e) Fejn awtorità ċentrali TKUN responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċeviment amministrattiv ta' EEW u, JEKK applikabbli, għal korrispondenza uffiċjali oħra relatata magħha* ***Isem ta' l-awtorità ċentrali:..... ***.....*** ***……*** ***……..*** ***…….*** ***Persuna ta' kuntatt, jekk applikabbli (titolu/grad u isem):.....*** ***……*** ***……*** ***….…*** ***Indirizz:*** …… …… ……. ***Referenza tal-fajl.....***	***imħassar***

Nru tat-telefon: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ……..…
Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) …..…….……
Posta elettronika:.....

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija r-riżultat taż-żewġ emendi preċedenti.

Emenda 35

Abbozz tal-Kunsill
Anness – Taqsima F

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
(f) L-awtorità jew l-awtoritajiet li jistgħu jiġu kkuntattjati (fil-każ fejn it-taqsima D u/jew E ġiet mimlija):	***imħassar***
□ Awtorità taħt it-taqsima Ċ Tista' tiġi kkuntattjata għal mistoqsijiet dwar.....	
□ Awtorità taħt it-taqsima D Tista' tiġi kkuntattjata għal mistoqsijiet dwar.....	
□ Awtorità taħt it-taqsima Ċ Tista' tiġi kkuntattjata għal mistoqsijiet dwar.....	

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija r-riżultat taż-żewġ emendi preċedenti.

Emenda 36

Abbozz tal-Kunsill
Anness – Taqsima I – Nota f'qiegħ ta' paġna

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
Fejn l-EEW ikun indirizzat lill-Ġermanja, u skond id-dikjarazzjoni magħmula mill-Ġermanja skond l-Artikolu 23(4) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2007/.../ĠAI ta' ...† dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu fi proċedimenti f'materji kriminali, l-awtorità emittenti tista' tkompli wkoll il-kaxxa Nru 1 sabiex tikkonferma li r-reat jew reati jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kriterji indikati mill-Ġermanja għal dan it-tip ta' reat.	***imħassar***
Nota lill-ĠU: Daħħal in-numru u d-data ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.	

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssegwi t-tħassir tat-tneħħija tal-opt out tal-Ġermanja.

Emenda 37

Abbozz tal-Kunsill
Anness – Taqsima N) (1)

Abbozz tal-Kunsill	*Emenda*
Informazzjoni fakultattiva li għandha tingħata biss fir-rigward tal-Ġermanja.	***imħassar***
Huwa ddikjarat li r-reat jew reati konċernati skond il-liġi ta' l-Istat emittenti jaqa'(għu) fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kriterji indikati mill-Ġermanja fid-	

dikjarazzjoni magħmula skond l-Artikolu 23(4) tad-Deċiżjoni Kwadru sabiex... .

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssegwi t-tħassir tat-tneħħija tal-opt out tal-Ġermanja.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta ta' Deċiżjoni ta' Qafas (COM(2003)0688 finali)

L-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jiffaċilita l-ġbir transkonfinali ta' provi. Bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW), il-mandat għall-Kisba tal-Provi (EEW) huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, li l-Kunsill ta' Tampere tal-1999 kien identifika bħala s-sisien tal-koperazzjoni ġudizzjarja.
L-idea fundamentali tal-proposta hija li deċiżjoni mogħtija minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru hija direttament rikonoxxuta u implimentata fi Stat Membru ieħor, fatt li għandu jrendi l-koperazzjoni ġudizzjarja iktar effiċjenti u ħafna iktar mgħaġġla.
Fil-kuntest tal-ġbir tal-provi kriminali, il-Kummissjoni Ewropea segwiet approċċ għal kull każ partikolari, jiġifieri li l-proposta dwar l-EEW mhi xejn ħlief l-ewwel pass fil-proċess li għandu l-għan li jissostitwixxi l-koperazzjoni tradizzjonali bi strumenti li huma bbażati fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

Għalissa, l-kamp ta' applikazzjoni tal-EEW huwa limitat għall-provi eżistenti u li huma diġà disponibbli: oġġetti, dokumenti u data.

Għalhekk il-proposta ma tapplikax la għall-ġbir ta' stqarrijiet tax-xhieda u tal-vittmi, u lanqas għall-interrogatorju tas-suspettati jew tal-persuni kkonċernati. Hija ma tinkludix iktar:

- it-teħid ta' oġġetti minn fuq il-persuna ta' individwu jew it-teħid ta' kampjuni tad-DNA;
- il-kisba ta' provi f'ħin reali bħall-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet jew is-sorveljanza tal-kontijiet bankarji;
- il-kisba ta' provi li jwasslu għal investigazzjonijiet supplimentari, bħat-twettiq ta' rapport minn espert jew li jsir tqabbil kompjuterizzat ta' informazzjoni (magħruf bħala computer matching) sabiex tkun identifikata persuna.

Filwaqt li wieħed jistenna li l-istrumenti ġuridiċi l-oħra jtemmu l-qafas leġiżlattiv, il-provi li ma jinsabux fl-EEW se jinġabru flimkien mal-istrumenti ta' koperazzjoni tradizzjonali.

Il-proposta tal-Kummissjoni tistipula li l-Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi jista' jingħata biss minn imħallef, maġistrat inkwirenti jew minn prosekutur pubbliku.

Wara l-eżempju tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, l-EEW se juża formola li tinsab mehmuża ma' din id-Deċiżjoni ta' Qafas, u li għandha tkun tradotta mill-awtorità emittenti f'lingwa uffiċjali waħda jew iktar tal-Istat ta' Implimentazzjoni. Dan se jippermetti lill-Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi li jkun implimentat b'mod immedjat.

Il-proposta tal-Kummissjoni ma tawtorizza l-ebda kontroll tal-inkriminazzjoni doppja fil-każ meta l-implimentazzjoni tagħha ma tirrikjedix perkwiżizzjoni domiċiljarja jew jekk ir-reat jidher fil-lista ta' 32 kategorija ta' reati msemmija fl-Artikolu 16 (li hija l-istess lista bħal dik stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Qafas li waqqfet il-Mandat ta' Arrest Ewropew).

Id-Deċiżjoni ta' Qafas ma titrattax il-kwistjoni tal-ammissibilità tal-provi miġbura, ħlief biex tippreċiża li l-awtorità ġudizzjarja li tagħti mandat li tiċċertifika li huwa dak li jkun mitlub li huwa suxxettibbli li jkun ammissibbli fil-qafas tal-proċedura li għaliha jintalab. Barra minn hekk, il-proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas reġgħet fetħet il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000. Skont il-prinċipju, l-Istat rikjest għandu jiżgura koperazzjoni filwaqt li jirrispetta l-miżuri kollha tal-formalitajiet u l-proċeduri possibbli li huma indikati apposta mill-Istat li qed jagħmel ir-rikjesta. L-Istat li jirċievi t-talba ma jistax jirrifjuta li josserva dawn l-esiġenzi ħlief jekk huma jmorru kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali tiegħu.

It-test li jirriżulta min-negozjati mal-Kunsill

L-għan ta' dan l-istrument legali, diġà pjuttost limitat fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, kien progressivament imnaqqas matul in-negozjati mal-Kunsill. Fl-istess ħin, tneħħew ċertu garanziji:

- il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal-lista ta' 32 reat li għalihom, jekk ikun hemm bżonn li ssir perkwiżizzjoni jew konfiska, l-inkriminazzjoni doppja ma tistax tkun invokata, iżda żied kundizzjoni importanti: ir-reati għandhom ikunu penalizzati fl-Istat li joħroġ il-mandat b'piena li ċċaħħad il-libertà għal perjodu massimu ta' mhux inqas minn 3 snin (l-Artikolu 14.2 tat-test mibgħut lill-Parlament għal konsultazzjoni mill-ġdid). Dan ma kienx previst fil-proposta tal-Kummissjoni.

- kien deċiż ukoll li fid-deċiżjoni ta' qafas jiżdied il-prinċipju ta' "**klawsola dwar it-territorjalità**" , klawsola li tippermetti lil Stat Membru li jirrifjuta Mandat Ewropew għall-Kisba tal-Provi sakemm ir-reati jkunu twettqu kollha jew partijiet minnhom fit-territorju tiegħu (Artikolu 13.1 f) tat-test mibgħut lill-Parlament għal konsultazzjoni mill-ġdid).

- barra minn hekk, permezz tal-mekkaniżmu tal-**opt out**, il-Ġermanja rriżervat id-dritt tagħha, permezz ta' dikjarazzjoni, li timplimenta l-EEW suġġetta għall-verifika ta' kriminalità doppja f'każijiet relatati mat-terroriżmu, mal-kriminalità relatata mal-informatika, mar-razziżmu u l-ksenofobija, mas-sabotaġġ, mal-intrigi ta' qerq u estorsjoni jew imbolju jekk huwa meħtieġ sabiex titwettaq perkwiżizzjoni jew konfiska għall-implimentazzjoni tal-EEW, ħlief fejn l-awtorità emittenti tkun iddikjarat li r-reat ikkonċernat taħt il-liġi tal-Istat emittenti jaqa' fl-ambitu ta' kriterji indikati fid-dikjarazzjoni (Artikolu 23.4 tat-test mibgħut lill-Parlament għal konsultazzjoni mill-ġdid).

- jekk il-proposta tal-Kummissjoni stabbilixxiet li l-awtorità emittenti kienet imħallef, maġistrat inkwirenti jew prosekutur pubbliku, it-test miftiehem mal-Kunsill **iwessa' d-definizzjoni ta' awtorità emittenti** biex din tinkludi fiha " kwalunkwe awtorità ġudizzjarja oħra definita mill-Istat emittenti, u f'każijiet speċjali, awtorità kompetenti li taġixxi fil-kapaċità ta' awtorità inkarigata mill-inkjesti fil-kuntest tal-proċeduri kriminali skont il-liġi nazzjonali biex tordna l-kisba ta' provi fi kwistjonijiet transkonfinali"; (l-Artikolu 2.1c) tat-test mibgħut lill-Parlament għal konsultazzjoni mill-ġdid);

- L-Artikolu 12 tal-proposta tal-Kummissjoni li jikkonċerna **l-garanziji dwar l-implimentazzjoni** kien imħassar

Il-konsultazzjoni mill-ġdid mal-Parlament Ewoprew

Qabel ma wieħed jipproċedi għall-adozzjoni formali tad-Deċiżjoni ta' Qafas u b'kunsiderazzjoni għall-modifikazzjonijiet sostanzjali li saru għall-proposti inizjali tal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, fuq talba tal-Kunsill, intalab jagħmel it-tieni opinjoni tiegħu għas-sessjoni plenarja li se ssir bejn l-20 u t-23 ta' Ottubru 2008.

Il-pożizzjoni tal-President Rapporteur

Ir-rapporteur huwa tal-opinjoni li mill-bidu jkun hemm inizjattiva limitata, iżda hu jqis ukoll li pass importanti setgħa ntlaħaq waqt li kien qed jinħoloq spazju Ewropew dwar il-liġi kriminali, bil-kundizzjoni li l-kontenut tal-proposta sa issa ma tneħħilux il-valur miżjud tiegħu. Ir-Rapporteur huwa tal-opinjoni li t-test miftiehem mill-Kunsill jirrifletti mhux biss li l-abbozz huwa nieqes mill-ambizzjoni, iżda wkoll li jipproponi l-introduzzjoni ta' qafas legali konfuż u mhux koerenti.

Il-modifikazzjonijiet li saru matul in-negozjati huma sinjal ċar li l-unanimità ma tippermettix iktar lill-Unjoni Ewropea li tavvanza 'l quddiem b'mod sinifikanti lejn spazju Ewropew integrat dwar il-liġi kriminali, u li proċedura leġiżlattiva li ddaħħal id-dritt għal veto, minn issa 'l quddiem m'għadhiex iktar immexxija b'mod li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ġustizzja Ewropea li tvarja ħafna skont l-interessi speċifiċi ta' Stat Membru jew ieħor. L-introduzzjoni fid-deċiżjoni ta' qafas ta' klawsola dwar it-territorjalità, kif ukoll it-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija tal-inkriminazzjoni doppja, jew inkella l-opt out tal-Ġermanja huma d-dimostrazzjoni perfetta tagħha.

Fl-isfond ta' dan, ir-Rapporteur President jieħu l-opportunità permezz ta' din in-nota spjegattiva biex umilment jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li wieħed jistenna d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, biex jikkunsidraw serjament l-għażla offruta mill-Artikolu 42 tat-Trattat UE, li mingħajr dubju jippermetti li jiġi evitat dan it-tip ta' periklu.

Permezz ta' dawn l-emendi, il-President Rapporteur prova jerġa jistabbilixxi ftit bilanċ fit-test. Għal dan il-għan, huwa qed jipproponi :

- li jerġgħu jidħlu mill-ġdid l-emendi prinċipali adottati mis-sessjoni plenarja tal-2004 b'tali mod li huwa jkunu dejjem pertinenti ;

- li jitneħħew id-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mill-Kunsill meta dawn għalih jidhru inkompatibbli mal-prinċipji li għandhom jirregolaw ir-rikonoxximent reċiproku;

- li jerġgħu jiġu stabbiliti garanziji massimi filwaqt li wieħed jistenna l-adozzjoni ta' strument koerenti u ambizzjuż fil-qasam tad-drittijiet proċedurali.

- li jfakkar l-iskala u n-natura tal-qafas leġiżlattiv li għandu jiġi introdott malajr fl-Istati Membri kollha biex ikun żgurat spazju Ewropew integrat dwar il-liġi kriminali, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni ta' strumenti li jiffaċilitaw koperazzjoni ġudizzjarja massima u l-kuntatti diretti fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u permezz ta' żviluppi leġiżlattivi sinifikanti fil-qasma tar-rikonoxximent tal-provi kriminali kollha, tal-ħarsien tad-data personali trattata fil-kuntest tal-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fil-qasam kriminali, jew anke garanziji proċedurali (inkluża l-presunzjoni tal-innoċenza u n-*ne bis in idem*).

- li jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu spazju Ewropew integrat dwar il-liġi kriminali f'kuntest leġiżlattiv iktar effikaċi u demokratiku, filwaqt li jevitaw li jagħtu spazju għad-drittijiet tal-veto nazzjonali, u dan sabiex tkun possibbli l-implimentazzjoni ta' strument leġiżlattiv Ewropew li sar neċessarju minħabba l-iżvilupp ta' kriminalità li qed issir dejjem iktar u iktar transnazzjonali.